MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

17 ta' Ottubru 2017

Il-Kunsilli Lokali H'Attard ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 6, Triq il-Kbira, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
MARISA ABELA – Kunsillier
RAYMOND AZZOPARDI – Kunsillier
RALPH CASSAR – Kunsillier
JOHN DEBONO – Kunsillier
ALEX MANGION – Kunsillier
MARK ANTHONY SPITERI - Kunsillier
ALFRED ZAMMIT - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
CONNIE SCERRI – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresieda l-laqgħa. Kulħadd kien preżenti għall-laqgħa fil-ħin bl-eċċezzjoni tas-Sur John Debono li kien għadu ma wasalx u s-Sinjura Connie Scerri li kienet tinsab imsiefra.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Inqrat l-ittra t'apologija tas-Sinjura Scerri.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

33.2.1 Il-minuti ġew approvati.

## 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rigward:

33.3.1 In-nomini gew riċevuti biss tnejn u għaldaqstant ha tiġi estiza d-data sal-21 ta' Ottubru. Barra minn hekk issuġġerixxa li jiltaqa' l-Bord nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru fil-5.30 ta' filgħaxija biex tittieħed deċiżjoni. Il-Bord ha jkun kompost mis-Sinjuri Cassar, Spiteri, Mangion u Zammit. Is-serata tas-Sibt se tittella' mid-Duo Puse' flok il-banda minħabba ċ-ċokon tas-Sala u d-daqs tal-banda u jrid isir avviz fil-gażżetta tal-Gvern ħabba tneħħija ta' parkeġġ fi Triq Birkirkara, Cortinthia Car Park.

33.3.2 Artiklu li deher fis-Sunday Times tal-Ħadd, 15 ta' Ottubru li qala' agħa kbir fost in-nies. Għall-kuntrarju ta' dak li ingħad fl-artiklu, konsultazzjoni ma saritx fil-verita' għax kull ma ġejna murija hu sett pjanti. Għal din il-laqgħa kienu preżenti is-Sur Cordina, is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sur John Debono. Sussegwentament intbagħtet imejl biex jintbagħtulna l-pjanti li tlett ġimgħat wara għadhom ma wasslux. L-Awtorita' tal-Ippjanar kienu għadhom fi stadju ta' *trekking*. Il-Ħadd imbagħad deher dan l-artiklu u s-Sindku ġie bbumbardjat. Is-Sur John Debono daħal f'dan il-mument (5.37p.m.) Kien hemm laqgħa ma' TM fis-16 ta'Ottubru fejn ġie mitlub li ssir konsultazzjoni mar-residenti u s-Sur Silvio Scerri bgħat imejl dak il-ħin. Jidher li saret xi tip ta' konsultazzjoni imma ma' min ha titteħiedlu l-għalqa biss u mar-residenti li kienu jiġu impattati xejn. Is-Sur Debono qal li sema' li saret konsultazzjoni fuq ONE Radio. Is-Sur Cassar qal li jekk ħa tittieħed art verġni għandu jkun żgurat li jsiru *bike lanes, service roads, green belts* u bankini kif suppost bis-siġar. Ħa ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill kif il-pjanti.

33.3.3 Imejl fuq Friends of the Earth Malta fuq Pollinator Friendly Garden. Ġiet suġġerita l-*area* ta' wara l-iskola.

33.3.4 Il-ġbir tal-Bazaar ta' din is-sena li ha jsir b'risq Puttinu Cares.

33.3.5 Se jintalbu siġar b'xejn mill-Parks Department għal wara l-Bus tal-Papa u għal Ġnien il-Kunsill. Is-siġar tal-pjazza ha jinqalgħu u jinżergħu f'Masġar Pierre Muscat. Il-funtana fi Ġnien Misraħ Kola se titneħħa u minflokha ssir ħamrija biex jinżergħu pjanti.

33.3.6 Proposta biex Triq il-Midra jsiru bankini ġodda. Kulħadd qabel.

33.3.7 Proposti ta' bozoz ġodda fit-toroq Ġorg Zammit ma' arblu eżistenti, Xatbet l-Art ma' arblu ġdid u Triq Alfred Camilleri bozza u xi patching ukoll wara ittra li ġiet riċevuta l-uffiċċju minn residenti.

33.3.8 Imejl mingħand Isabel Bianco fuq għajnuna biex jiġu msewwija l-qtates. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti u jekk hu l-każ jgħin fit-tiswija b'valur li ma jeċċedix it-€300.

33.3.9 Proposta Tetra għall-Istrina. Il-Kunsill qabel li jinġabru kartun tal-ħalib eċċ sakemm taħt it-taraġ ma jkunx hemm irwejjaħ eċċessivi. Is-Sur Cassar fakkar ukoll fl-iSwap Shop fil-25 ta' Novembru mid-9am sat-3pm.

33.3.10 Is-Sur Cordina ħa din l-okkażjoni biex jirringrazzja pubblikament lis-Sinjorina Karen Fsadni għad-disinni kollha l-inklużi tal-Bords ta' Ġnien l-Istazzjon u Ġnien il-Palma u oħrajn u appuntu għad-disinn tal-*flier* tal-iSwap Shop. Hu qal li din flimkien mal-kumplament tal-iStaff jibgħatu imejls mid-dar anke fl-10 ta' bil-lejl għax hemm komunikazzjoni kontinwa bejnu ul-istaff kollu li jwassal biex isir xogħol malajr.

33.3.11 Ri-approvazzjoni tal-*Qualification Allowances* tas-Sinjuri Mifsud u Sammut skond Ċirkulari 23/17 u minħabba proċedura ġdida tad-Dipartiment. Din kienet xi ħaġa statutorja li ġa saret allura ma kienx hem oġġezzjonijiet.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

33.4.1 Is-Sur Marko Spiteri saqsa fuq :

- L-applikazzjoni biex Triq Sant'Anton issir *ONE WAY* minn fejn Ġnien l-Istazzjon u jitneħħa l-parkeġġ kollu ħdejn il-Kitchen Garden filwaqt li ssir bankina n-naħa tal-Kitchen Garden.
- Turija t'apprezzament għall-Kunċert li sar fit-13 t'Ottubru fejn kollox mar sew, il-Bar tal-Każin offra ikel bnin u l-Kappillan kien miftuħ għall-attivita'.

33.4.2 Is-Sur John Debono saqsa fuq:

- X'siġar se jinżergħu fi Pjazza Tumas Dingli. Ħa jiġi deċiż hekk kif jinqalgħu biex jinbidlu u jitranġaw l-injam.

33.4.3 Is-Sur Alfred Zammit saqsa fuq:

- Arblu tal-injam biex jitneħħa.
- It-trabijiet u l-ħmieġ tat-toroq Hannibal u Gradilja.
- Jinġabb vjeġġ ġebel u jinbena l-ħajt ta' Triq il-Wied ta' Rmiedi. Dan se jsir meta jkun hawn il-ħaddiema tar-Reġjun.

33.4.4 Is-Sur Alex Mangion saqsa fuq:

- Il-gwardjani lokali li qed imorru u jagħtu ċitazzjonijiet f'toroq residenzjali. Is-Sur Cordina qal li mhux qed imorru f'toroq fejn m'hemmx problemi imma fejn hemm il-problemi bħall-parkeġġi ħżiena u wara d-9 ta' filgħodu fejn il-parkeġġ usur bi ksuħat.

Is-Sur Mangion ħalla l-kamra 6.35 p.m.

33.4.5 Is-Sur Ralph Cassar saqsa fuq:

- Il-*bicycle sharing scheme* u l-laqgħa ma' Next Bike biex tiġi estiża l-iskema minn San Gwann, Sliema u Swieqi. Se ssi laqgħa.
- Li ssir talba lil Go plc biex titneħha t-telephone box ta' ħdejn l-M4.
- Li jinħarġu l-applikazzjonijiet għal Ġieħ Ħ'Attard.

33.4.6 Is-Sur Marisa Abela saqsiet fuq:

- *Un/loading bay* xi jsir biex issir applikazzjoni. Is-Sur Cordina spjega li jew jiktbu lil TM jew lilna u nirreferu.

33.4.7 Is-Sur Raymond Azzopardi qal li:

- Il-kaptelli ta' Triq l-Imdina sa fl-aħħar issewew.
- Isiru l-marki tat-toroq ta' Triq Santa Katerina.

## 33.5 Rapporti

33.5.1 Tressaq u ġie approvat ir-Rapport tal-Kwart tas-Sena Lulju -Settembru.

## 33.6 Rendikont s'issa: Jum Ħ'Attard, Ġieħ Ħ'Attard u Attivitajiet Ġemellaġġ

33.6.1 Ġa ġew diskussi.

## 33.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

33.7.1 Approvati wara li s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fl-iskeda kien hemm xi rimborsi fuq il-*Portfolio's* mixtrija għall-Jum Ħ'Attard u kont tal-Vodafone.

## 33.8 Mozzjonijiet; u

33.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

Is-Sindku talab minuta silenzju b'rispett lejn Daphne Caruana Galizia u l-mewt traġika tagħha.

## 33.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

33.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.05m u ġiet aġġornata għal-21 ta' Novembru 2017 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 21 ta' Novembru 2017.

Stefan Cordina
Sindku

Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv